MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 338/2011

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda li twieldet fil-hamsa (5) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) li llum ghandha tlettax (13)-il sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa' mid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom tmien snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 4) il-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 5 (ii) fuq pagna tlieta (3)) ir-rikorrent kellu jghaddi s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25) fil-gimgha bhala manteniment ghal binthom minuri pero' aktar tard qablu illi r-rikorrent ihallas somma lill-intimata li tkopri l-manteniment kollu bil-quddiem (lump sum), din is-somma diga thallset u ghalhekk m'hemmx pendenzi u pretenzjonijiet ta' manteniment mill-intimata;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Novembru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat il-provi kollha li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda u mill-provi prodotti illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul gew sodisfatti u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa' mid-19 ta' Novembru 2003.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi irrizulta ukoll illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt taghhom illi jitolbu u / jew jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi irrizulta illi r-rikorrenti kellu jghaddi manteniment ghall-ibnu minuri, izda aktar tard kienu qablu illi ir-rikorrenti ihallas somma lill-intimata li tkopri il-manteniment kollu bil-quddiem, lump sum payment u irrizulta illi din is-somma thallset mir-rikorrenti u ghalhekk ma hemmx pretenzjonijiet ghal manteniment mill-intimata.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------